**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**

**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**

Frar 2017

| IL-ĦAMES SENA | IL-MALTI (IL-FEHIM MIS-SMIGĦ) | IL- ĦIN: 30 minuta |
|---|---|---|

## IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

### Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
2. Aqra l-iskript bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.
3. L-iskript **aqrah darbtejn**, kwarta kull darba.

***Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.***

(Wara 5 minuti)

***Issa se nisimgħu s-silta bl-isem 'Il-Kelb tan-Nanna Roża'. Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu xi mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba. Waqt li qed tisimgħu din is-silta, tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***
***Se nibdew.***

**Il-Kelb tan-Nanna Roża**

Rożanna kienet mara anzjana li tgħix waħedha. It-tfal tagħha kienu kibru u żżewġu, u r-raġel tagħha kien ilu li miet sentejn. Kienet mara qalbha tajba u t-tfal tar-raħal kienu jħobbuha. Kienu jistħajluha n-nanna tagħhom u kienu jmorru jagħmlulha xi qadja u hi kienet dejjem tagħtihom xi ftit ħelu, xi ċikkulata jew xi żewġ qagħqiet ħelwin.

Jum wieħed in-Nanna Roża marret tixtri mis-suq u, waqt li kienet sejra lura d-dar, lemħet kelb kannella mżewwaq bl-abjad li kien qed izappap. Xi ħadd bla għaqal kien abbandunah u telqu jiġġerra fit-triq. Kien magħlub għuda għax fit-triq ma kienx isib x'jiekol. Dakinhar kien mar ixammem il-boroż tal-plastik suwed li n-nies kienu ħarġu barra biex jeħduhom dawk li jiġbru l-iskart. F'waħda minn dawk il-boroż xamm riħa ta' xi ikel. Beda jigref il-borża biex iqattagħha u jsib xi ħaġa biex jitrejjaq. Iżda l-imsejken kelb ċarrat sieqPu mal-għatu ta' landa tas-sardin li kienet fil-borża! Kellu d-demm ħiereġ minn siequ u ma setax imissha mal-art.

In-Nanna Roża tħassritu. Resqet lejh u mellsitlu rasu. Il-kelb ħares lejha b'ħarsa mnikkta għax kien muġugħ. Ix-xwejħa ħarġet mill-basket borża krustini li kienet għadha kemm xtrat u tatu waħda. Il-kelb kielha f'żewġ gidmiet u deher li ried iżjed. "Ejja miegħi, sabiħ," qaltlu n-Nanna Roża. "Ejja miegħi d-dar u nieħu ħsiebek jien." Il-kelb induna li l-mara kienet qalbha tajba u mar izappap warajha sa ma waslu d-dar. Daħħlitu ġewwa, ħaslitlu l-ferita bil-misħun fietel, dilkitlu ftit ingwent u nfaxxatlu siequ sew. Imbagħad tatu plattina ħalib u zalzetta kbira biex jimla żaqqu. U sakemm kiel u xorob ippreparatlu biċċa kutra qadima ġo kaxxa tal-kartun biex ikollu fejn jorqod.

Ix-xwejħa semmiet il-kelb 'Bingo' u kompliet titimgħu u tieħu ħsiebu. Fi ftit ġranet Bingo fieq u seta' jimxi sew. Lin-Nanna Roża sar iħobbha ħafna u hi kienet tħobbu wkoll. Kien sar qisu t-tifel tagħha.

Darba minnhom, bil-lejl, stenbħet maħsuda għax semgħetu jinbaħ. Kien sema' żewġt irġiel jitkellmu barra fit-triq. Kienu żewġ ħallelin qed jippruvaw jiżgassawlha l-bieb ta' barra biex jidħlu jisirquha. Ix-xwejħa qabdet it-telefown u ċemplet lill-Pulizija. Dawn ġew malajr u qabdu l-ħallelin fil-fatt. Kienu ilhom jippruvaw jaqbduhom għax kienu wettqu bosta serqiet. "Kollu bil-ħila tiegħek li qbadniehom," qal is-Surġent lin-Nanna Roża. "Għamilt sew li ċempiltilna."

"Le, Surġent," merietu x-xwejħa. "Kollu bil-ħila ta' Bingo, għax kien hu li semagħhom u qajjimni. Ħabatli tajjeb li daħħaltu għandi u ħadt ħsiebu."

"Hekk hu," reġa' s-Surġent. "Bingo pattielek għall-qalb tajba li wrejt miegħu. Min telqu barra kien kattiv, imma fik sab mara twajba u miegħek sab xortih."

***(Addattata mill-kitba ta' Carmel G. Cauchi)***

*Issa li smajtu s-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tibdew taħdmu t-tweġibiet.*
*Mela, issa se naqralkom Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba.*

**Taħriġ A**: Immarka (✓) fil-kaxxa t-tajba. (12 -il marka)

1. Rożanna kienet mara anzjana li

| | | |
|---|---|---|
| a) | tgħix ma' żewġha. | |
| b) | tgħix waħidha. | |
| ċ) | tgħix ma' wliedha. | |
| d) | tgħix mal-ħbieb. | |

2. In-Nanna Roża marret tixtri

| | | |
|---|---|---|
| a) | mis-suq. | |
| b) | minn tas-Sliema. | |
| ċ) | mill-Belt. | |
| d) | mill-Ħamrun. | |

3. Hi lemħet kelb

| | | |
|---|---|---|
| a) | abjad bit-tikek suwed. | |
| b) | iswed mżewwaq bl-abjad. | |
| ċ) | kannella mżewwaq bl-iswed. | |
| d) | kannella mżewwaq bl-abjad. | |

4. Il-kelb kien qed

| | | |
|---|---|---|
| a) | jiġri. | |
| b) | izappap. | |
| ċ) | jinbaħ. | |
| d) | jiekol. | |

5. L-imsejken kelb ċarrat siequ mal-għatu ta' landa

| | | |
|---|---|---|
| a) | tas-sardin. | |
| b) | tat-tonn taż-żejt. | |
| ċ) | tal-piżelli. | |
| d) | tat-tadam. | |

6. In-Nanna Roża ħaditu

| | | |
|---|---|---|
| a) | l-knisja. | |
| b) | għand tal-ħanut. | |
| ċ) | l-ġnien. | |
| d) | magħha d-dar. | |

7. **Fietel** tfisser

| | | |
|---|---|---|
| a) | jaħraq ħafna. | |
| b) | jaħraq ftit. | |
| ċ) | kiesaħ. | |
| d) | bir-ragħwa. | |

8. Ix-xwejħa semmiet il-kelb

| | | |
|---|---|---|
| a) | Renu. | |
| b) | Fido. | |
| ċ) | Rex. | |
| d) | Bingo. | |

9. **Magħlub għuda** tfisser

| | | |
|---|---|---|
| a) | oħxon. | |
| b) | irqiq ħafna. | |
| ċ) | imbaċċaċ. | |
| d) | mibrum. | |

10. Biex il-kelb ikollu fejn jorqod, in-nanna ppreparatlu kaxxa

| | | |
|---|---|---|
| a) | tal-plastik. | |
| b) | tal-kartun. | |
| ċ) | tal-injam. | |
| d) | tal-karti. | |

11. In-Nanna Roża ċemplet lill-

| | | |
|---|---|---|
| a) | ġirien. | |
| b) | oħtha | |
| ċ) | pulizija. | |
| d) | missierha. | |

12. Min telaq lill-kelb barra kien persuna

| | | |
|---|---|---|
| a) | pulita. | |
| b) | twajba. | |
| ċ) | kattiva. | |
| d) | qawwija. | |

***

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.***
***Immarkaw t-tweġiba t-tajba billi tagħmlu sinjal fil-kaxxa t-tajba.***

**Taħriġ B**: Immarka (✓) fil-kaxxa **VERU** jew **FALZ** (6 marki)

| | | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|---|
| 13. | In-Nanna Roża kienet mara qalbha tajba. | | |
| 14. | Ir-raġel tagħha kien ilu mejjet ħames snin. | | |
| 15. | It-tfal sikwit kienu jmorru jgħinu lix-xwejħa. | | |
| 16. | Ħames ħallelin ippruvaw jiżgassawlha l-bieb. | | |
| 17. | Il-pulizija ġew malajr u qabdu l-ħallelin fil-fatt. | | |
| 18. | It-tfal tar-raħal ċemplu lill-pulizija. | | |

***

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ.***

**Taħriġ Ċ**: Aqta' sing taħt it-tajba. (2 marki)

19. In-Nanna Roża ħadet ħsieb il-kelb u magħha hu sab (borża, xortih, għadma).

20. Lill-annimali għandna (nagħtuhom lil min ma jħobbhomx, inħalluhom jiġru barra, nħobbuhom u nieħdu ħsiebhom).

## TMIEM IL-KARTA